DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/567

tad-9 ta' Marzu 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-66 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi") daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.

(2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid is-sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Hija tista' biss tagħmel tibdiliet fl-Iskedi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ("WHO"), iżda tista' tiddeċiedi wkoll li ma tagħmilx il-bidliet irrakkomandati mid-WHO.

(3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi") daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.

(4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tneħħihom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali estensivi biex tieħu kont ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u fatturi oħrajn, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.

(5) Il-bidliet għall-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u għall-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti fuq l-ambitu tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI ([1]) tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi ta' dawk il-Konvenzjonijiet. Għalhekk, kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet jiġi inkorporat direttament fir-regoli komuni tal-Unjoni.

(6) Matul is-66 sessjoni tagħha, li hija skedata għal bejn it-13 u s-17 ta' Marzu 2023 fi Vjenna, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha tiddeċiedi dwar iż-żieda ta' seba' sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(7) L-Unjoni mhix parti għall-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew għall-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għandha status ta' osservatur bla ebda dritt ta' vot fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi li tnax-il Stat Membru huma membri tagħha bid-dritt li jivvotaw f'Marzu 2023 ([2]). Huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lil dawk l-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt dawk il-Konvenzjonijiet peress li tali deċiżjonijiet jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

([2]) L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

(8) Id-WHO rrakkomandat iż-żieda ta' erba' sustanzi ġodda fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u ż-żieda ta' tliet sustanzi ġodda fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(9) Is-sustanzi kollha li ġew rieżaminati mill-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ("il-Kumitat tal-Esperti") u li ġew irrakkomandati biex jiġu skedati mid-WHO huma mmonitorjati miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ("EMCDDA") bħala sustanzi psikoattivi ġodda skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(10) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, l-ADB-BUTINACA (isem IUPAC: *N*-[1-(aminokarbonil)-2,2-dimetilpropil]-1-butil-1*H*-indażol-3-karbossammid) hi kannabinojd sintetiku derivat mill-indażol, fejn l-*S*-enantjomeru huwa l-kompost kimiku attiv (CAS Nru.: 2682867-55-4). ADB-BUTINACA ma għandha l-ebda użu terapewtiku u ma rċevietx awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li ADB-BUTINACA qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u li hija tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li ADB-BUTINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(11) ADB-BUTINACA nstabet f'26 Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-anqas ħames Stati Membri. Bħalissa ADB-BUTINACA hija soġġetta għal monitoraġġ intensiv miċ- EMCDDA. Kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa mis-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons tal-Unjoni Ewropea ('EWRS') ADB-BUTINACA tissemma wkoll f'żewġ twissijiet addizzjonali relatati mas-saħħa pubblika. Hija assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi 14-il mewta rrappurtati minn żewġ Stati Membri.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-ADB-BUTINACA tiżdied mal-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(13) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, il-protonitażen (isem IUPAC: *N*,*N*-dietil-5-nitro-2-[(4-propossifenil) metil]-1-*H*-benżimidażol-1-etanamina) hija opjojde tal-benżimidażol. Il-protonitażen kienet ġiet sintetizzata għall-ewwel darba bħala alternattiva għall-morfina, imma ma hemmx użu terapewtiku approvat tal-protonitażen. Hemm biżżejjed evidenza li l-protonitażen qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u li hija tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-protonitażin titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(14) Il-protonitażen instabet f'żewġ Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas tliet Stati Membri. Bħalissa l-protonitażen hija soġġetta għal monitoraġġ intensiv miċ-EMCDDA. Ma ġiet irrapportata l-ebda informazzjoni lill-EMCDDA dwar avvenimenti avversi serji li jinvolvu l-protonitażen.

(15) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-protonitażen tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(16) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, l-etażen (isem IUPAC: 2-[(4-etossifenil)metil]-*N*,*N*-dietil-1*H*-benżimidażol-1-etanamina) hija opjojde sintetiku derivat mill-benżimidażole bi struttura kimika u similaritajiet farmakoloġiċi mad-drogi skedati fl-Iskeda I (taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi) bħall-klonitażen, l-etonitażen u l-isotonitażen. L-etażen ġiet studjata għall-proprjetajiet analġeżiċi tagħha iżda ma hemm l-ebda użu mediku magħruf tal-etażen. Hemm biżżejjed evidenza li l-etażen qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u li tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-etażen titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(17) L-etażen instabet fi tmien Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas ħames Stati Membri. Bħalissa l-etażen hija soġġetta għal monitoraġġ intensiv miċ-EMCDDA. Hija assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi erbat imwiet irrappurtati minn żewġ Stati Membri.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

(18) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-etażen tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(19) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, l-etonitażepin (isem IUPAC: 2-[(4-etossifenil)metil]-5-nitro-1-(2-pirrolidin-1-iletil)-1*H*-benżoimidażol) hija opjojde sintetiku derivat mill-benżimidażole bi struttura kimika u similaritajiet farmakoloġiċi mad-drogi skedati fl-Iskeda I (taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi) bħall-etonitażen. L-etonitażepin ġiet studjata għall-proprjetajiet analġeżiċi tagħha iżda ma hemm l-ebda użu mediku magħruf tal-etonitażepin. Hemm biżżejjed evidenza li l-etonitażepin qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-etonitażepin titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(20) L-etonitażepin instabet f'sitt Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas żewġ Stati Membri. B'mod simili għal opjojdi ġodda, l-etonitażepin tista' tinbiegħ bħala sostitut għal opjojdi kkontrollati, u kienet soġġetta għal twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa mill-EWRS. Bħalissa l-etonitażepin hija soġġetta għal monitoraġġ intensiv miċ-EMCDDA. Ġiet irrapportata mewt b'esponiment ikkonfermat għall-etonitażepin f'pajjiż wieħed.

(21) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-etonitażepin tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(22) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, it-2-metil-AP-237 (isem IUPAC: 1-{2-metil-4-[(2E)-3-fenilprop-2-en-1-il]piperażina-1-il}butan-1-on) hija opjojde sintetiku tipikament ikklassifikat bħala 1-ċinnamilpiperażina. It-2-metil-AP-237 ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma ġiet awtorizzata biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li t-2-metil-AP-237 qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u hija tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li t-2-metil-AP-237 titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(23) It-2-metil-AP-237 nstabet f'sitt Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas erba' Stati Membri. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluża mewt.

(24) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li t-2-metil-AP-237 tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(25) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, l-alfa-PiHP(α-PiHP, isem IUPAC: 4-metil-1-fenil-2-(pirrolidin-1-il) pentan-1-on) hija katinon sintetiku. L-alpha-PiHP ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma ġiet awtorizzata biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li l-alfa-PiHP qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u hija tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-alfa-PiHP titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(26) L-alfa-PiHP instabet fi 18-il Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-anqas seba' Stati Membri. L-alfa-PiHP tissemma fi twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa mill-EWRS. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi erbat imwiet, irrapportati minn Stat Membru wieħed u ġiet identifikata f'kampjuni bijoloġiċi marbuta ma' avvenimenti avversi serji, irrapportati minn erba' Stati Membri.

(27) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-alfa-PiHP tiżdied mal-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(28) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, it-3-metilmetkatinon (3-MMC, isem IUPAC: 2-(metilammino)-1-(3-metilfenil)propan-1-on) hija katinon sintetiku u isomeru pożizzjonali tal-4-metilmetkatinon ikkontrollata internazzjonalment (4-MMC, mefedron, l-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi). Fl-2016, it-3-MMC ġiet soġġetta għal rieżami kritiku, iżda ġie deċiż li jintalab rieżami kritiku ieħor u li dan jiġi kkunsidrat f'laqgħa sussegwenti, sakemm ikun hemm aktar informazzjoni disponibbli. Instabu xi applikazzjonijiet għal privattivi li jinkludu l-użu ta' 3-MMC, imma ma ġewx identifikati provi kliniċi attwali dwar l-użu terapewtiku ta' 3-MMC. Barra minn hekk, 3-MMC ma għandha l-ebda użu mediku għall-bniedem jew veterinarju rikonoxxut fl-Unjoni.

(29) Ir-riskji tat-3-MMC ġew ivvalutati mill-kumitat xjentifiku taċ-EMCDDA u t-3-MMC diġà ġiet inkluża fid-definizzjoni ta' "droga" skont id-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI, bid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/1326 ([4]). Bħalissa 3-MMC hija soġġetta għal monitoraġġ intensiv miċ-EMCDDA. Fil-mument tal-valutazzjoni tar-riskju f'Novembru 2021, 3-MMC kienet instabet fi 23 Stat Membru. Ħames Stati Membri kienu rrapportaw total ta' 27 mewta b'esponiment ikkonfermat għal 3-MMC u erba' Stati Membri kienu rrapportaw 14-il avvelenament akut mhux fatali b'esponiment ikkonfermat għal 3-MMC.

(30) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li t-3-MMC tiżdied mal-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(31) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, peress li d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar fir-rigward tas-seba' sustanzi ser jinfluwenzaw direttament il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.

(32) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt.

(33) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(34) L-Irlanda marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni fis-66 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li ser isseħħ mit-13 sas-17 ta' Marzu 2023, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, għandha tkun dik li tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
G. STRÖMMER

([4]) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/1326 tat-18 ta' Marzu 2022 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI rigward l-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga" (ĠU L 200, 29.7.2022, p. 148).

ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni matul is-66 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li ser isseħħ mit-13 sas-17 ta' Marzu 2023 dwar l-iskedar ta' sustanzi:

(1) L-ADB-BUTINACA għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(2) Il-protonitażen għandha tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(3) L-etażen għandha tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(4) L-etonitażepin għandha tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(5) It-2-metil-AP-237 għandha tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(6) L-Alfa-PiHP għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(7) It-3-MMC għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.